IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.4.2021
COM(2021) 199 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

dwar il-klawżoli ta' rieżami fid-Direttivi 2013/34/UE, 2014/95/UE, u 2013/50/UE

{SWD(2021) 81 final}

Prefazju

Dan ir-rapport jeżamina l-klawsoli ta' rieżami li jinsabu f'biċċiet differenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-divulgazzjoni obbligatorja tal-informazzjoni finanzjarja jew mhux finanzjarja tal-kumpaniji lill-pubbliku.

B'mod partikolari, jeżamina l-klawsoli ta' rieżami li ġejjin:

- Id-Direttiva 2013/34/UE([1]) (id-Direttiva dwar il-Kontabilità):
  - L-Artikolu 36(9) – Reġim ta' rapportar finanzjarju għall-mikrokumpaniji;
  - L-Artikolu 3(13) – L-effett tal-inflazzjoni fuq il-kriterji tad-daqs tal-SMEs;
  - L-Artikolu 48 – Rapport dwar il-pagamenti lill-gvernijiet mill-industriji estrattivi jew tal-qtugħ tas-siġar għall-injam;
- Id-Direttiva 2014/95/UE([2]) (id-Direttiva dwar ir-Rapportar Mhux Finanzjarju, li temenda d-Direttiva dwar il-Kontabilità):
  - L-Artikolu 3 – Rapportar mhux finanzjarju minn ċerti entitajiet ta' interess pubbliku;
- Id-Direttiva 2013/50/UE([3]) (li temenda d-Direttiva dwar it-Trasparenza):
  - L-Artikolu 5 – Rekwiżiti ta' divulgazzjoni għall-emittenti b'titoli elenkati fi swieq regolati tal-UE.

Fejn xieraq, ġew ikkunsidrati s-sejbiet tal-kontroll tal-idoneità (evalwazzjoni) tal-Kummissjoni tal-leġiżlazzjoni li tirregola r-rapportar pubbliku perjodiku tal-kumpaniji dwar informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal li jirriżulta minn dan il-kontroll tal-idoneità jakkumpanja dan ir-rapport([4]).

[1] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE, ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19.

[2] Id-Direttiva 2014/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 li temenda d-Direttiva 2013/34/UE fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja u dwar id-diversità minn ċerti impriżi u gruppi kbar, ĠU L 330, 15.11.2014, p. 1.

[3] Id-Direttiva 2013/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/14/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' xi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2004/109/KE, ĠU L 294, 6.11.2013, p. 13.

[4] Dan ir-rapport mhuwiex sommarju tad-dokument ta' ħidma tal-persunal dwar il-kontroll tal-idoneità.

Reġim ta’ rapportar għall-mikrokumpaniji


Klawsola ta’ rieżami: Id-Direttiva 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabilità) – l-Artikolu 36(9)

Introdott fl-2012, ir-reġim ta’ rapportar speċifiku għall-mikrokumpaniji jippermetti simplifikazzjoni sinifikanti tar-rapportar, abbażi ta’ definizzjoni tal-UE ta’ mikrokumpaniji u diversi għażliet offruti lill-Istati Membri. L-Istati Membri responsabbli għall-implimentazzjoni ġeneralment ħadu vantaġġ mir-rieżami sussegwenti tad-Direttiva dwar il-Kontabilità fl-2013 biex jimplimentaw is-simplifikazzjoni mis-sena finanzjarja 2016 ’il quddiem.

L-għadd ta’ mikrokumpaniji

Fl-2016, kien hemm 13,5 miljun kumpanija b’responsabbiltà limitata li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kontabilità fl-EU-27. Fost dawn, 11,1 miljun (82 %) kienu mikrokumpaniji, abbażi tal-kriterji tad-daqs tad-Direttiva. L-Illustrazzjoni 1 turi l-għadd ta’ mikrokumpaniji għal kull Stat Membru.

Illustrazzjoni 1 – L-għadd ta’ mikrokumpaniji fl-UE fl-2016 (‘000)



Sors: CEPS ibbażat fuq Orbis Europe - 2016

Nota: Il-mappa turi l-għadd ta’ mikrokumpaniji f’kull Stat Membru, abbażi tal-applikazzjoni tal-kriterji tad-daqs fid-Direttiva dwar il-Kontabilità. Il-kodiċi tal-kulur jindika fejn il-kriterji tad-daqs nazzjonali jvarjaw mid-dritt

tal-Unjoni, bħala proporzjon tal-kriterji tad-daqs tad-Direttiva dwar il-Kontabilità. Griż ċar ifisser li ma hemm l-ebda effett.

Sitt Stati Membri (Ċipru, Spanja, il-Kroazja, il-Lussemburgu, Malta u l-Iżvezja) ma jirrikonoxxux il-mikrokumpaniji speċifikament għar-rapportar korporattiv. Mill-21 Stat Membru li jirrikonoxxu l-mikrokumpaniji għal mikroreġim simplifikat ħafna, 20 japplikaw fedelment il-kriterji tad-daqs tad-Direttiva. Żewġ Stati Membri (l-Estonja u l-Italja) jużaw kriterji tad-daqs aktar baxxi minn dawk tad-Direttiva. B'riżultat ta' dan, 8,6 miljun kumpanija huma rikonoxxuti bħala mikrokumpaniji fl-UE, jiġifieri 78 % tal-għadd totali ta' mikrokumpaniji rikonoxxuti mid-Direttiva.

Simplifikazzjoni u tnaqqis tal-ispejjeż amministrattivi

Il-mikrokumpaniji raw ir-reġimi ta' rapportar rispettivi tagħhom simplifikati sa ċertu punt, skont il-liġi f'kull Stat Membru. Fl-agħar xenarji possibbli (l-ebda kategorizzazzjoni ta' mikrokumpaniji, ftit simplifikazzjoni), mikrokumpanija trid tikkonforma mar-reġim ta' rapportar applikabbli għal kumpaniji żgħar([5]).

Id-dritt tal-Unjoni jippermetti lill-Istati Membri jissimplifikaw ir-reġim għall-kumpaniji ż-żgħar, u jfassluh għall-ħtiġijiet tal-kumpaniji f'diversi modi. Jekk iva, il-mikrokumpaniji jistgħu jagħżlu waħda jew aktar mill-għażliet li ġejjin:

- li jfasslu karta tal-bilanċ u rapporti tal-introjtu imqassra ħafna;
- li jnaqqsu l-informazzjoni fin-noti għal prattikament xejn;
- li ma jkollhom l-ebda rapport ta' ġestjoni;
- li ma jkollhom l-ebda awditjar;
- li jkollhom reġim ta' pubblikazzjoni speċifiku (sistema ta' punt uniku ta' servizz, karta tal-bilanċ biss);
- li ma jikkalkolawx u ma jirrikonoxxux dovuti ta' tmiem is-sena.

It-22 Stat Membru li jirrikonoxxu l-mikrokumpaniji użaw dawn l-għażliet sa ċertu punt. Iċ-Ċentru għall-Istudji Politiċi Ewropej (CEPS) jistma li 13-il Stat Membru implimentaw reġim pjuttost sempliċi (62 % tal-kumpaniji eliġibbli) u disa' Stati Membri joffru biss simplifikazzjoni limitata (38 %)([6]).

L-aktar karatteristiċi popolari ta' mikroreġim huma inqas noti u l-formati simplifikati għall-karta tal-bilanċ u għar-rapporti tal-introjtu. Ħames Stati Membri joffru soluzzjonijiet ta' punt uniku ta' servizz (eż. il-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa darba biss). Żewġ Stati Membri biss jeżentaw lill-mikrokumpaniji milli jirrikonoxxu dovuti ta' tmiem is-sena.

[5] Ir-"reġim żgħir" huwa inqas oneruż mir-reġim ta' rapportar applikabbli għal kumpaniji akbar jew għal entitajiet ta' interess pubbliku. Dan għaliex jillimita l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta fin-noti għar-rapporti finanzjarji meħtieġa, u jirrinunzja r-rapport ta' ġestjoni u r-rekwiżiti tal-awditjar.

[6] Ara l-"indiċi ta' tnaqqis tal-piż" għal kull Stat Membru, *Study on the accounting regime of limited micro companies* (Studju dwar ir-reġim kontabilistiku ta' mikrokumpaniji limitati) – CEPS – Mejju 2019, p. 38.

Il-biċċa l-kbira tal-mikrokumpaniji jidhru li mhumiex konxji mill-eżistenza tar-reġim simplifikat ħafna, jew jekk huma konxji, ma jpoġġuhx fil-prattika minħabba inerzja. Il-kontabilisti([7]) jaf ma wettqux ir-rwol tagħhom fit-tqajjim tas-sensibilizzazzjoni u/jew fit-tnedija tas-simplifikazzjoni u dan irriżulta fil-fatt li l-mikrokumpaniji ma jgawdux mill-benefiċċji kollha tas-simplifikazzjoni, bħal tnaqqis sinifikanti tat-tariffi tal-kontabilisti esterni([8]).

Fuq din il-bażi, huwa stmat li, għat-8,6 miljun mikrokumpanija affettwati, l-iffrankar tal-ispejjeż rikorrenti attwali jammonta għal EUR 79 miljun fis-sena([9]) wara spejjeż tal-bidu ta' darba ta' EUR 20 miljun([10]).

Li kieku l-Istati Membri kollha kellhom jissimplifikaw ir-rapportar bis-sħiħ, u l-kumpaniji kollha kienu kompletament konxji ta' dan, l-iffrankar stmat tal-ispejjeż għal 11,1 miljun mikrokumpanija seta' jilħaq EUR 1 020 miljun fis-sena([11]) wara EUR 255 miljun fi spejjeż tal-bidu ta' darba([12]).

Konklużjoni

Id-Direttiva dwar il-Kontabilità, fil-biċċa l-kbira tagħha, ilha mill-2013 tipproteġi lill-mikrokumpaniji milli jitgħabbew iżżejjed. Dan għaliex ma jistgħux jintalbu jirrapportaw aktar minn kumpaniji żgħar. Illum il-ġurnata, 78 % tal-mikrokumpaniji huma rikonoxxuti bħala tali fl-UE. Dan ifisser li dawn jibbenefikaw minn reġim ta' rapportar saħansitra aktar simplifikat. Dan sar possibbli minħabba li l-maġġoranza tal-Istati Membri użaw l-opportunitajiet ta' simplifikazzjoni li toffri d-Direttiva. Il-grad ta' simplifikazzjoni jista' jvarja ħafna skont kull Stat Membru. Dan jispjega parzjalment għaliex l-iffrankar tal-ispejjeż laħaq biss frazzjoni tal-potenzjal sħiħ tiegħu. Għall-bqija, jidher li l-kumpaniji nfushom mhumiex konxji mill-bidliet jew ma jaċċettawhomx. Dan idgħajjef l-impatt tas-simplifikazzjoni. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan diġà biex jirrikonoxxu bis-sħiħ il-mikrokumpaniji kollha tal-UE bħala tali, biex jissimplifikaw ir-reġim ta' rapportar tagħhom kemm jista' jkun u biex iqajmu sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet biex jagħmlu dan.

---

7 Mill-mikrokumpaniji mistħarrġa mis-CEPS, 72 % jużaw kontabilist estern.

8 Sors: CEPS.

9 Tnaqqis tal-piż kontinwu attwali fis-sena: 8,6 miljun mikrokumpanija (kriterji tad-daqs nazzjonali u reġim implimentat) * 20 % jirrapportaw huma stess u huma konxji tar-reġim simplifikat ħafna * 50 % japplikaw reġim simplifikat ħafna * *6,0 sigħat iffrankati* * EUR 15,28 qligħ medju fis-siegħa = EUR 79 miljun. Kalkoli tas-servizzi tal-Kummissjoni derivati mid-*data* tas-CEPS.

10 Spejjeż kurrenti ta' darba: 8,6 miljun mikrokumpanija (kriterji tad-daqs nazzjonali u reġim implimentat) * 20 % jirrapportaw huma stess u huma konxji tar-reġim simplifikat ħafna * 50 % japplikaw reġim simplifikat ħafna * *1,5 sigħat iffrankati* * EUR 15,28 qligħ medju fis-siegħa = EUR 20 miljun. Kalkoli tal-Kummissjoni derivati mid-*data* tas-CEPS.

11 Tnaqqis tal-piż kontinwu potenzjali fis-sena: 11,1 miljun mikrokumpanija (kriterji tad-daqs tad-Direttiva dwar il-Kontabilità) * *6,0 sigħat iffrankati* * EUR 15,28 qligħ medju fis-siegħa = EUR 1 020 miljun.


12 Spejjeż potenzjali ta' darba: 11,1 miljun mikrokumpanija (kriterji tad-daqs tad-Direttiva dwar il-Kontabilità) * *1,5 sigħat iffrankati* * EUR 15,28 qligħ medju fis-siegħa = EUR 255 miljun.

L-aġġustament tal-kriterji tad-daqs tal-SMEs għall-inflazzjoni

Klawsola ta' rieżami: Id-Direttiva 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabilità) – l-Artikolu 3(13)

Il-kriterji tad-daqs fid-Direttiva dwar il-Kontabilità ġew riveduti regolarment minn meta d-Direttiva ġiet adottata għall-ewwel darba fl-1978. Ir-rieżamijiet irriflettew l-inflazzjoni matul is-snin, u xi drabi marru lil hinn minn dan. L-illustrazzjoni ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor kif żviluppat is-sitwazzjoni:

Illustrazzjoni 2 – Evoluzzjoni tal-kriterji tad-daqs monetarju tal-SMEs fid-Direttiva dwar il-Kontabilità



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea – punt ta' referenza: kriterji ta' daqs żgħir (fatturat / karta tal-bilanċ totali) - bażi 1,00 fl-1994

Fl-2013, ġie introdott obbligu fid-Direttiva dwar il-Kontabilità([13]) biex il-Kummissjoni tirrevedi u, fejn xieraq, temenda l-kriterji tad-daqs, billi tiddefinixxi kategoriji ta' kumpaniji (mikro, żgħar, ta' daqs medju, kbar) mill-inqas kull ħames snin biex jitqiesu l-effetti tal-inflazzjoni (f'atti delegati). B'dan il-mod, il-leġiżlazzjoni tal-UE timmira li żżomm l-istatus quo, jiġifieri li tevita sitwazzjoni li fiha, minħabba l-inflazzjoni, b'mod partikolari l-kumpaniji mikro u żgħar, mingħajr ma jafu, isiru soġġetti għar-reġimi kontabilistiċi aktar eżiġenti applikabbli għal kumpaniji akbar.

Żona ġeografika

Id-Direttiva tiddenomina l-kriterji tad-daqs tal-kumpanija f'euro. Iż-**żona tal-euro** (l-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja) tirrappreżenta 74 % tal-kumpaniji tal-UE([14]).

[13] L-Artikolu 3(13).

[14] Sors: CEPS/Kummissjoni. Il-Latvja ssieħbet fiż-żona tal-euro fl-2014 u l-Litwanja fl-2015. Dan l-istħarriġ juża *data* tal-Eurostat dwar iż-żona tal-euro li tinkludi dawn il-pajjiżi. Ma saret l-ebda dikjarazzjoni mill-ġdid speċifika.

Fir-rigward tal-Istati Membri **barra ż-żona tal-euro** (il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Iżvezja), dawn ikollhom jaġġustaw il-kriterji nazzjonali tad-daqs tal-kumpaniji skont ir-rati tal-kambju tal-muniti rispettivi tagħhom meta jittrasponu fil-liġi nazzjonali l-kriterji tad-Direttiva espressi f'euro.

Fir-rigward tal-pajjiżi li jagħmlu parti miż-Żona Ekonomika Ewropea (in-Norveġja, l-Iżlanda u l-Liechtenstein), dawn normalment ikollhom jikkunsidraw ukoll li jaġġustaw il-kriterji nazzjonali tagħhom tad-daqs tal-kumpaniji.

Inflazzjoni

Fuq perjodu ta' seba' snin mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2019, l-inflazzjoni kumulata laħqet is-6,4 % fiż-żona tal-euro u s-7,5 % għall-UE27 ([15]).

Aġġustament tal-kriterji tad-daqs

Il-kriterji tad-daqs aġġustati b'6,4 % sabiex jirrappreżentaw l-inflazzjoni jkunu kif ġej (qabel l-aġġustar 'il fuq):

Illustrazzjoni 3 – Il-livell limitu tal-SMEs fid-Direttiva dwar il-Kontabilità, attwali u aġġustat għal inflazzjoni ta' 6,4 %

		Karta tal-Bilanċ	Fatturat
Mikro			
	Kurrenti	350 000 €	700 000 €
	Aġġustat	372 400 €	744 800 €
Żgħar (il-grupp ta' taħt)			
	Kurrenti	4 000 000 €	8 000 000 €
	Aġġustat	4 256 000 €	8 512 000 €
Żgħar (il-grupp ta' fuq)			
	Kurrenti	6 000 000 €	12 000 000 €
	Aġġustat	6 384 000 €	12 768 000 €
Medji / Kbar			
	Kurrenti	20 000 000 €	40 000 000 €
	Aġġustat	21 280 000 €	42 560 000 €

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

[15] Sors: Eurostat, l-oġġetti kollha, HICP - 2015 bażi 100.

F’dan l-istadju, jidher li huwa meħtieġ arrotondament biex jiġu żgurati kriterji tad-daqs fattibbli, sempliċi u sinifikanti għall-kumpaniji. L-arrotondament jenħtieġ li żżomm il-fattur ta’ multiplikazzjoni ta’ tnejn introdott mil-leġiżlatur fuq il-fatturat meta mqabbel mal-karta tal-bilanċ totali. L-aġġustar ’il fuq jenħtieġ li jiġi adattat għal kull kriterju tad-daqs biex jiġu żgurati riżultati sinifikanti, sabiex tiġi riflessa fedelment l-inflazzjoni b’aġġustar ’il fuq sinifikanti.

Huwa ssuġġerit li jiġu applikati r-regoli li ġejjin għall-arrotondament: (i) kriterji tad-daqs mikro, sal-25 000 li jmiss, (ii) żgħar, sal-100 000 li jmiss, (iii) medji/kbar, sal-500 000 li jmiss.

It-tabella ta’ hawn taħt turi kif l-aġġustament tal-inflazzjoni f’Diċembru 2019 jista’ jirriżulta fi kriterji tad-daqs arrotondati, li juru valuri assoluti u żieda perċentwali fil-kriterji tad-daqs attwali:

Illustrazzjoni 4 – Il-livell limitu tal-SMEs fid-Direttiva dwar il-Kontabilità, attwali vs aġġustat għal inflazzjoni ta’ 6,4 % u l-aġġustar ’il fuq

		Karta tal-Bilanċ	**Fatturat**
Mikro			
	Kurrenti	350 000 €	700 000 €
	Aġġustat u arrotondat	375 000 €	750 000 €
	% li jirriżulta	*7,1%*	*7,1%*
Żgħar (il-grupp ta' taħt)			
	Kurrenti	4 000 000 €	8 000 000 €
	Aġġustat u arrotondat	4 300 000 €	8 600 000 €
	% li jirriżulta	*7,5%*	*7,5%*
Żgħar (il-grupp ta' fuq)			
	Kurrenti	6 000 000 €	12 000 000 €
	Aġġustat u arrotondat	6 400 000 €	12 800 000 €
	% li jirriżulta	*6,7%*	*6,7%*
Medji/Kbar			
	Kurrenti	20 000 000 €	40 000 000 €

Aġġustat u arrotondat	21 500 000 €	43 000 000 €
% li jirriżulta	*7,5%*	*7,5%*

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Kif muri hawn fuq, ir-riżultati tal-arrotondament fil-kriterji tad-daqs żdiedu b'6,7 % għal 7,5 %. Dan huwa raġonevolment qrib ir-rata tal-inflazzjoni maħsuba u konsistenti għal kull kriterju tad-daqs. Għalhekk, il-kriterji tad-daqs ta' hawn fuq jintużaw bħala bażi soda għall-analiżi tal-impatti.

Analiżi tal-impatti fiż-żona tal-euro

L-analiżi tal-impatti tiffoka fuq l-obbligi tal-Istati Membri u l-impatti tagħhom fuq il-kumpaniji (stratifikazzjoni skont id-daqs([16]), l-ispejjeż) fiż-żona tal-euro. L-analiżi saret għal kull Stat Membru, bl-applikazzjoni ta' inflazzjoni ta' 6,4 % għall-kriterji nazzjonali attwali u r-regoli dwar l-arrotondament f'kull Stat Membru. Ġie kkunsidrat li l-Istati Membri kollha jaġġustaw il-kriterji tad-daqs tagħhom minkejja l-marġni ta' flessibbiltà li jingħataw([17]), u b'hekk jagħtu l-ogħla livell ta' impatti. In-nuqqas ta' *data* sinifikanti kien ifisser li l-impatt fuq Ċipru ma setax jiġi vvalutat.

- Mikrokumpaniji

  Il-mikroreġim huwa għażla għall-Istati Membri. Huwa stmat li l-aġġustament tal-kriterji tad-daqs ma jkollu l-ebda impatt fuq l-Istati Membri fiż-żona tal-euro mingħajr ebda kategorija jew reġim ta' daqs mikro (Ċipru, Spanja, il-Lussemburgu u Malta). Fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra fiż-żona tal-euro, l-aġġustament għall-inflazzjoni tal-kriterji tad-daqs tal-mikrokumpaniji jirriżulta f'li madwar 77 000 kumpanija (l-ogħla livell) ma jibqgħux jitqiesu bħala kumpaniji żgħar, iżda minflok bħala mikrokumpaniji. L-iffrankar potenzjali tal-ispejjeż huwa miġbur fil-qosor hawn taħt.

- Kumpaniji żgħar

  Aġġustament għall-inflazzjoni jnaqqas l-għadd ta' kumpaniji żgħar fiż-żona tal-euro b'madwar 61 000, prinċipalment minħabba li 77 000 isiru mikrokumpaniji, parzjalment ikkumpensati minn madwar 16 000 kumpanija ta' daqs medju li jsiru żgħar.

[16] Abbażi tal-ORBIS u *Study on the accounting regime of limited micro companies* (Studju dwar ir-reġim kontabilistiku ta' mikrokumpaniji limitati) – CEPS – 2019. L-impatti fuq il-popolazzjoni ġew stmati għal kull Stat Membru fiż-żona tal-euro, bl-użu ta' kriterji tad-daqs nazzjonali u bl-applikazzjoni ta' arrotondament raġonevoli.

[17] L-Istati Membri jistgħu jkunu biss parzjalment imġiegħla jirrevedu l-kriterji tad-daqs nazzjonali tagħhom. Id-Direttiva toffri firxa ta' għażliet għall-kriterji ta' daqs żgħir. Disa' Stati Membri biss fiż-żona tal-euro (li jimplimentaw il-parti t'isfel tal-firxa) ikunu mġiegħla jaġġustaw għall-inflazzjoni. Dawn jammontaw għal 1/3 tal-kumpaniji żgħar. L-Istati Membri l-oħra (li jammontaw għal 2/3 tal-kumpaniji żgħar) ikollhom il-libertà li jiddeċiedu li ma jimplimentawx l-aġġustament. Dan l-istħarriġ jassumi li l-Istati Membri kollha taż-żona tal-euro se jaġġustaw il-kriterji tad-daqs tagħhom għall-inflazzjoni.

Jekk l-istatus ta' 77 000 kumpanija żgħira jsir mikro, dawn ikollhom iffrankar globali tal-ispejjeż ta' madwar EUR 7 miljun([18]). L-iffrankar potenzjali tal-ispejjeż għall-kumpaniji ta' daqs medju huwa miġbur fil-qosor hawn taħt.

- Kumpaniji ta' daqs medju u kbir

  Kif jidher hawn fuq, l-għadd ta' kumpaniji ta' daqs medju/kbar jonqos b'madwar 16 000 minħabba li kumpaniji ta' daqs medju/kbar isiru żgħar, li jwassal għal tnaqqis ġenerali fl-ispejjeż tal-konformità annwali ta' madwar EUR 63 miljun([19]) għal dawn il-kumpaniji.

  F'din il-kategorija, madwar 4 000 kumpanija kbira jsiru ta' daqs medju([20]). Huwa stmat li dawn se jesperjenzaw biss effetti marġinali fuq ir-reġim ta' rapportar tagħhom: forsi jkun hemm inqas noti; eżenzjoni possibbli mir-rekwiżit li jinżammu kontijiet konsolidati; probabbilment l-ebda bidla għal kumpaniji soġġetti għal rapportar għal kull pajjiż fis-settur estrattiv, u lanqas bidla fir-reġim ta' rapportar applikabbli għal entitajiet ta' interess pubbliku, inkluż rapportar mhux finanzjarju. Għalhekk, l-iffrankar tal-ispejjeż, meqjus insinifikanti, ma ġiex ivvalutat.

L-illustrazzjoni ta' hawn taħt tiġbor fil-qosor l-impatti fuq il-popolazzjoni u l-ispejjeż fiż-żona tal-euro.

Illustrazzjoni 5 – Bidla fil-popolazzjoni u ffrankar tal-ispejjeż għal kull kategorija tad-daqs ta' kriterji tad-daqs aġġustati fiż-żona tal-euro

Kategorija tad-daqs	Bidliet fil-popolazzjoni – żona tal-euro (livell ogħla)	Iffrankar tal-ispejjeż (marbutin aktar)
Mikro	+77 390	-
Żgħar	-61 613	EUR 7 miljun
Medji/kbar	-15 777	EUR 63 miljun

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Effetti sekondarji fuq l-Istati Membri barra miż-żona tal-euro u l-pajjiżi taż-ŻEE

Żieda fil-kriterji tad-daqs denominati f'euro tkun tinvolvi obbligi diverġenti biex il-kriterji tad-daqs jiġu aġġustati (jew le) għall-Istati Membri barra miż-żona tal-euro. Minbarra l-

[18] Stima approssimattiva – 77 390 * 6,0 sigħat iffrankati * EUR 15,28 qligħ medju fis-siegħa – derivata mis-CEPS. L-iffrankar tal-ispejjeż attwali għal kull kumpanija minħabba bidla fil-kategorija tad-daqs se jvarja fil-prattika, skont id-daqs, il-leġiżlazzjoni lokali u ċ-ċirkostanzi ta' kull kumpanija.

[19] Stima approssimattiva: 15 777 kumpanija x EUR 4 000 iffrankati għal kull kumpanija, li jinkludu EUR 1 000 għat-tħejjija ta' rapporti finanzjarji, flimkien ma' ffrankar fit-tariffi tal-awditjar fir-reġjun ta' EUR 3 000 (jekk wieħed jassumi li l-Istati Membri kollha kienu jinvolvu kumpaniji żgħar eżentati). L-iffrankar tal-ispejjeż użat hawnhekk ġie rrapportat mill-Kummissjoni fis-segwitu għall-valutazzjoni tal-impatt fil-kuntest tal-programm REFIT - ara *Report on Action Programme for Reducing Administrative Burdens in the EU* (Rapport dwar il-Programm ta' Azzjoni għat-Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi fl-UE), SWD(2012) 423 final (p. 7, p. 15 u p. 16).

[20] Għall-Istati Membri mingħajr il-kategorija ta' daqs medju (il-Belġju, Franza, l-Italja, is-Slovakkja, li jirrappreżentaw 42 % tal-kumpaniji), l-aġġustament tal-kriterji tad-daqs ma jkollu l-ebda effett.

aġġustament għall-inflazzjoni, il-kriterji tad-daqs nazzjonali rispettivi denominati fil-munita nazzjonali jkollhom jiġu aġġustati wkoll abbażi tar-rati tal-kambju rispettivi kontra l-euro([21]) osservati fid-data li fiha jidħol fis-seħħ l-att legali emendatorju tal-UE. Dawn ir-rati futuri ma jistgħux jiġu mbassra bis-sħiħ u fi kwalunkwe każ, id-Direttiva tħalli marġni ta' flessibbiltà ta' 5 % sabiex ikun possibbli li jiġu ddeterminati l-kriterji tad-daqs approssimat fil-muniti nazzjonali. Din il-prerogattiva tal-Istati Membri żżid effetti potenzjali mhux prevedibbli, speċjalment peress li l-marġni ta' flessibbiltà u r-rata tal-inflazzjoni jistgħu jżidu jew iħassru lil xulxin.

Analiżi approssimattiva tas-sitwazzjoni fil-31 ta' Lulju 2017 – mingħajr ma jitqies il-marġni ta' flessibbiltà ta' 5 % – turi li l-aġġustamenti għall-inflazzjoni fil-pajjiżi rispettivi li mhumiex fiż-żona tal-euro ġeneralment jipproduċu riżultati mhux uniformi minn pajjiż għall-ieħor. L-aġġustamenti ġeneralment ma jkunux proporzjonati eżattament mar-rati tal-inflazzjoni rispettivi, bi ftit Stati Membri biss ikunu f'pożizzjoni li jagħmlu aġġustamenti skont l-inflazzjoni tagħhom stess. Ftit Stati Membri jistgħu jiffaċċjaw l-obbligu li jżidu l-kriterji tad-daqs b'diversi punti perċentwali 'l fuq mill-effett kumulattiv tal-inflazzjoni tagħhom stess. Fuq in-naħa l-oħra tal-ispettru, xi Stati Membri jistgħu jaffordjaw li ma jaġġustawx ċerti kriterji tad-daqs (speċjalment kriterji ta' daqs żgħir).

Konklużjoni

Minħabba l-inflazzjoni moderata fiż-żona tal-euro matul l-aħħar ftit snin, aġġustament tal-kriterji tad-daqs fiċ-ċirkostanzi attwali jagħti riżultati potenzjalment limitati għall-kumpaniji fiż-żona tal-euro u riżultati inċerti għall-kumpaniji fi Stati Membri barra miż-żona tal-euro.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet jagħmlu l-każ għal aġġustament inqas urġenti fid-data ta' dan ir-rapport. Madankollu, il-Kummissjoni żżomm id-dritt li tipproponi aġġustamenti għall-kriterji tad-daqs fi kwalunkwe ħin biex taġġusta għall-inflazzjoni permezz ta' atti delegati, kif tippermetti d-Direttiva dwar il-Kontabilità.

[21] Fl-2013, id-Direttiva dwar il-Kontabilità ppreskriviet (l-Artikolu 3(9)) l-użu tar-rata tal-kambju ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE* fid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva (id-29 ta' Ġunju 2013). Hija tippreskrivi wkoll l-użu tar-rata tal-kambju ppubblikata fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' "kwalunkwe Direttiva li tistabbilixxi dawk l-ammonti". Il-Kummissjoni tinterpreta dan bħala li jinkludi atti leġiżlattivi sussegwenti.

Rapporti dwar il-pagamenti lill-gvernijiet minn kumpaniji attivi fis-setturi tal-qtugħ tas-siġar għall-injam jew estrattivi (rapportar għal kull pajjiż/CBCR)

Klawsola ta' rieżami: Id-Direttiva 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabilità) – l-Artikolu 48

Il-Kapitolu 10 fid-Direttiva dwar il-Kontabilità introdott fl-2013 jeħtieġ li l-kumpaniji l-kbar tal-UE li joperaw fis-setturi estrattivi jew tal-qtugħ tas-siġar jirrappurtaw kull sena dwar il-pagamenti lill-gvernijiet mis-sena finanzjarja 2016 'il quddiem. Il-pagamenti jridu jiġu ddivulgati skont il-proġett u l-gvern. Gvern jista' jkun lokali, reġjonali jew nazzjonali u mid-definizzjoni tiegħu jenħtieġ li jinkludi kwalunkwe kumpanija tal-Istat.

It-tisħiħ tat-trasparenza tal-pagamenti lill-gvernijiet

L-Istati Membri kollha implimentaw din il-politika fil-liġi nazzjonali bejn l-2014 u l-2017. Il-biċċa l-kbira tagħhom żguraw li l-kumpaniji attivi fis-setturi tal-qtugħ tas-siġar jew tal-estrazzjoni bdew is-CBCR tagħhom mis-sena finanzjarja 2016 kif meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni tal-UE – jew qabel (ir-Renju Unit, Franza). Fi tliet Stati Membri, ir-rapportar beda mis-sena finanzjarja 2017 biss, b'effetti limitati minħabba l-għadd ta' kumpaniji affettwati. Ma ġie identifikat l-ebda każ ewlieni ta' nuqqas ta' konformità, iżda l-Kummissjoni bħalissa qiegħda tinvestiga ftit kwistjonijiet ta' konformità ma' ċerti Stati Membri.

Studju ta' konformità mill-konsulenti ta' VVA sab([22]) li fis-settur estrattiv, jitwettaq ammont konsiderevoli ta' rapportar, mingħajr evidenza ta' nuqqas ta' konformità mifrux. Madankollu, f'ċerti każijiet, il-kuntrattur ma setax jikseb is-CBCR ta' għadd ta' kumpaniji u attribwixxa dan prinċipalment għall-istadju reċenti tal-implimentazzjoni, aċċess mhux uniformi għas-siti web jew għar-reġistri kummerċjali tal-kumpaniji, jew dewmien fil-preżentazzjoni

Dwar il-qtugħ tal-foresti primarji għall-injam, VVA sabet biss żewġ kumpaniji li jirrapportaw fl-UE – ferm inqas mill-mitt kumpanija mistennija. Dan huwa prinċipalment minħabba karatteristiċi settorjali speċifiċi (daqs, attivitajiet ta' kumpanija) u kwistjonijiet inerenti minħabba d-definizzjoni restrittiva tad-Direttiva dwar il-foresti primarji[23]. Minħabba n-nuqqas ta' rapportar mifrux dwar il-pagamenti lill-gvernijiet mill-kumpaniji tal-qtugħ tas-siġar għall-injam, il-mekkaniżmi ewlenin fis-seħħ biex tissaħħaħ it-trasparenza fis-settur tal-qtugħ tas-siġar għall-injam jinkludu r-Regolament tal-UE dwar l-injam (EUTR)([24]) u l-Pjan ta' Azzjoni

[22] Valdani, Vicari u Associati, *Study: Review of country-by-country reporting requirements for extractive and logging industries* (Studju: Rieżami tar-rekwiżiti ta' rapportar għal kull pajjiż għall-industriji estrattivi u tal-qtugħ tas-siġar għall-injam), Novembru 2018 (disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni).

[23] Definiti fid-Direttiva dwar il-Kontabilità bħala "foresta ta' speċi indiġeni, fejn ma hemm l-ebda indikazzjoni viżibbli b'mod ċar ta' attivitajiet tal-bniedem u l-proċessi ekoloġiċi mhumiex disturbati b'mod sinifikanti". Il-foresti sekondarji huma foresti naturali li jkunu nqatgħu mill-inqas darba. Porzjon importanti tal-kumpaniji tal-qtugħ tas-siġar joperaw barra mill-foresti primarji.

[24] Ir-Regolament tal-UE dwar l-injam (EUTR – Regolament (UE) Nru 995/2010).

tal-UE dwar l-Infurzar tal-Liġi, Tmexxija u Kummerċ fis-Settur Forestali (FLEGT)([25]) għalkemm la l-EUTR u lanqas il-FLEGT ma jirrikjedu li l-operaturi jirrapportaw dwar l-effettività tad-diliġenza dovuta tagħhom jew dwar il-forniturі li jkunu qed jiksru l-leġiżlazzjoni applikabbli.

Fil-kampjun tar-rapporti li studjat VVA, il-biċċa l-kbira tal-kumpaniji kienu pprovdew l-informazzjoni meħtieġa. Ġew identifikati diversi oqsma li fihom hemm lok għal titjib. Dawn l-oqsma, li jidhru li għandhom aktar x'jaqsmu man-nuqqasijiet jew mal-flessibbiltà fl-istandard tar-rapportar milli mal-konformità, huma elenkati hawn taħt.

- L-identifikazzjoni tal-gvernijiet bl-isem – l-isem tal-entità tal-gvern li rċeviet il-pagament mhux dejjem indikat b'mod ċar fir-rapporti. Ħafna kumpaniji jsemmu biss l-isem tal-pajjiż u/jew tal-gvern "nazzjonali", "reġjonali/lokali" jew "muniċipali". B'riżultat ta' dan, l-entitajiet governattivi t-tajba ma jistgħux jiġu identifikati u jinżammu faċilment responsabbli.

- Definizzjoni tal-proġett – l-implikazzjonijiet legali tal-formulazzjoni: "ftehimiet interkonnessi sostanzjalment" li jiddefinixxu proġett huma miftuħa għal interpretazzjonijiet differenti mill-kumpaniji. Konsegwentement, ir-rapportar dwar kull proġett ivarja fost il-kumpaniji, u jagħmilha diffiċli li jkun hemm riassunt sħiħ u konsistenti tal-proġetti li jinvolvu diversi kumpaniji.

- Impriżi konġunti – impriżi konġunti jseħħu ta' spiss fis-settur estrattiv. Il-kumpaniji għandhom it-tendenza li jingħaqdu ma' kumpaniji oħra, inklużi kumpaniji tal-Istat, biex jikkondividu l-investimenti u l-operazzjonijiet. Normalment, waħda mill-impriżi tkun responsabbli għaż-żamma tar-rekords tal-operazzjonijiet għall-impriżi kollha. Fin-nuqqas ta' struzzjonijiet ċari fid-dritt tal-Unjoni, hemm diversi modi ta' rapportar tal-pagamenti: (i) b'mod proporzjonali għas-sehem tal-impriża stess fl-impriża konġunta, (ii) 100 % tal-pagamenti tal-impriża konġunta rrapportati mill-impriża inkarigata (f'liema każ impriżi oħra jistgħu jikkunsidraw li ma jirrapportawx minkejja li huma taħt obbligu legali li jagħmlu dan), jew (iii) modi oħra. Konsegwentement, ir-riżultati tar-rapportar mhumiex kompletament komparabbli, jew huma assenti.

- L-użabilità diġitali – mingħajr il-possibilità ta' qari bil-magni, l-utenti jsibuha diffiċli biex jisfruttaw id-*data* rapportata fuq skala kbira u rikorrenti.

Hemm sinjali ċari li s-CBCR jintuża, l-aktar mis-soċjetà ċivili biex titqajjem sensibilizzazzjoni, biex jitħejjew "digests" jew infografika, jew biex jintalbu kjarifiki mingħand il-gvernijiet u l-kumpaniji, u b'hekk isiru akkontabbli. Minħabba li din hija politika reċenti, l-għarfien pubbliku tar-rapporti għadu limitat fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi. Għadu kmieni wisq biex wieħed jinnota bidliet sinifikanti fl-akkontabilità tal-gvern (speċjalment fil-każ ta' gvernijiet inqas demokratiċi jew miftuħa) jew fil-governanza tar-riżorsi f'pajjiżi li għandhom ħafna riżorsi. Impatt mhux intenzjonat tad-Direttiva huwa li s-CBCR jintuża ħafna mis-soċjetà ċivili biex tagħmel mistoqsijiet lill-kumpaniji u żżommhom responsabbli. Fi

[25] https://www.euflegt.efi.int/documents/10180/452147/FLEGT+factsheet+Trade+and+market.pdf/5ceb3405-3161-26a8-a03c-de87eba7dc5a

kwalunkwe każ, ir-rekwiżiti ta' rapportar tqiesu, tal-inqas mis-soċjetà ċivili, li huma effettivi biex tiżdied it-trasparenza tal-pagamenti magħmula minn kumpaniji lill-gvernijiet għall-isfruttament tar-riżorsi naturali.

Il-każ għall-inklużjoni tal-informazzjoni addizzjonali ssuġġerita fil-klawsola ta' rieżami, jiġifieri l-għadd medju ta' impjegati, l-użu ta' sottokuntratturi u kwalunkwe penali pekunarji amministrati minn pajjiż, ma jidhirx li għandu appoġġ pubbliku mifrux skont stħarriġ ta' VVA. Fil-prinċipju, is-soċjetà ċivili tilqa' trasparenza addizzjonali, iżda dawn il-punti mhumiex il-prijoritajiet ewlenin tagħhom. In-negozji ġeneralment isibuha bi tqila biex iżidu kwalunkwe rekwiżit ta' rapportar, fuq il-bażi tal-proporzjonijiet kostijiet-benefiċċji. L-awtoritajiet nazzjonali għandhom it-tendenza wkoll li ma jkunux konvinti li dawn l-elementi żejda jagħmluha possibbli li jintlaħqu aħjar l-objettivi tar-rekwiżiti ta' rapportar. Il-Kummissjoni inkludiet l-għadd ta' impjegati fil-proposta tagħha għas-CBCR pubbliku minn kumpaniji multinazzjonali kbar fl-2016([26]).

Żviluppi internazzjonali, impatti ta' reġimi internazzjonali oħra

Il-Kanada, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit u ż-Żona Ekonomika Ewropea għandhom leġiżlazzjoni effettiva fis-seħħ biex jiżguraw is-CBCR mill-industriji estrattivi rispettivi tagħhom ([27]). Il-Kanada adottat il-leġiżlazzjoni tas-CBCR ([28]) mill-1 ta' Ġunju 2015. L-UE tqis l-istandard Kanadiż ekwivalenti għal tagħha stess([29]). Bl-istess mod, il-Ministru Kanadiż għar-Riżorsi Naturali għandu l-awtorità li jippermetti lill-entitajiet li jirrapportaw jissostitwixxu rapporti mħejjija f'ġuriżdizzjoni oħra (li r-rekwiżiti tagħhom jitqiesu bħala sostitut aċċettabbli) biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Kanada fl-UE kif ukoll fiż-Żona Ekonomika Ewropea. B'dan il-mod, l-UE u l-Kanada jevitaw rapportar multiplu u għalhekk piż żejjed għall-kumpaniji. L-UE u r-Renju Unit huma l-uniċi ġuriżdizzjonijiet li jeħtieġu CBCR pubbliku għall-industriji tal-qtugħ tas-siġar.

B'mod parallel, l-Inizjattiva għat-Trasparenza tal-Industriji Estrattivi (EITI) hija inizjattiva privata li għandha l-għan li tagħmel is-settur estrattiv akkontabbli. L-EITI hija assoċjazzjoni internazzjonali mingħajr skop ta' qligħ reġistrata skont il-liġi Norveġiża. Hija tiġbor flimkien membri minn gvernijiet, kumpaniji taż-żejt, tal-gass u tal-minjieri, investituri istituzzjonali, u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sabiex ittejjeb il-ftuħ u l-ġestjoni responsabbli tad-dħul mir-riżorsi naturali. Bħalissa din tikkonsisti fi 52 pajjiż li qegħdin jimplimentaw. Ir-rapporti tal-EITI – ippubblikati taħt l-awtorità governattiva tal-pajjiżi membri – fihom il-pagamenti riċevuti mill-gvernijiet minn kumpaniji estrattivi attivi fil-ġuriżdizzjoni tagħhom. Ir-rapporti

[26] Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti intraprizi u fergħat, COM/2016/0198 final - 2016/0107 (COD), April 2016.

[27] Biex tkun effettiva, it-Taqsima 1504 tal-Frank-Dodd Act tirrikjedi li tiġi adottata Regola mill-Kummissjoni dwar it-Titoli u l-Kambju (SEC) tal-Istati Uniti. Tali Regola kienet għadha ma daħlitx fis-seħħ fid-data ta' dan ir-rapport. B'riżultat ta' dan, il-kumpaniji elenkati f'borża tal-Istati Uniti (emittenti privati tal-Istati Uniti u barranin) s'issa ma kellhom l-ebda obbligu tas-CBCR x'jissodisfaw, iżda s-sitwazzjoni tista' tinbidel fil-futur qrib.

[28] L-Att Kanadiż dwar il-Miżuri ta' Trasparenza fis-Settur Estrattiv (ESTMA).

[29] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1910 tat-28 ta' Ottubru 2016.

mfassla taħt din l-inizjattiva huma pubbliċi u jinqraw mill-magni. Dawn juru pagamenti mqassma skont il-proġett f'pajjiż partikolari, skont l-istess linji tal-politika tal-UE.

L-EITI u s-CBCR tal-UE jikkomplementaw lil xulxin. Mill-bidu nett, is-CBCR tal-UE kien jeħtieġ id-divulgazzjoni tat-tipi ta' pagamenti konsistenti mar-rekwiżiti tal-EITI. Bl-istess mod, ir-rekwiżiti tal-UE influwenzaw ir-rekwiżiti tal-EITI sa ċertu punt, pereżempju dwar ir-rapportar minn proġett għal proġett. Fi kwalunkwe pajjiż partikolari, l-EITI x'aktarx li tippreżenta informazzjoni aktar komprensiva fir-rigward ta' dak il-pajjiż mis-CBCR tal-UE. Dan għaliex ir-rapporti tal-EITI jkopru mhux biss operazzjonijiet ikkontrollati mill-industriji tal-UE jew Kanadiżi, iżda wkoll minn kumpaniji barranin u kumpaniji nazzjonali oħra – inklużi dawk proprjetà tal-Istat. Madankollu, ir-rapporti tal-EITI huma ġeografikament limitati, minħabba li rapport wieħed ikopri pajjiż wieħed biss. Ir-rapporti tal-EITI normalment jiġu ppubblikati wkoll fuq sena wara rapport tas-CBCR tal-UE għal sena partikolari. Is-sħubija tal-EITI żdiedet minn meta ġiet adottata d-Direttiva dwar il-Kontabilità. Ma hemm l-ebda korrelazzjoni ċara jew diretta bejn dawn it-tnejn, iżda dan ma jnaqqasx mill-objettiv iddikjarat fil-Premessa 45 tad-Direttiva dwar il-Kontabilità li s-CBCR jenħtieġ li jgħin lill-gvernijiet ta' pajjiżi li għandhom ħafna riżorsi biex jimplimentaw il-prinċipji u l-kriterji tal-EITI. Għadd ta' fatturi jipprevjenu, tal-inqas għalissa, ir-rekwiżiti tal-EITI milli jipprevalu fuq dawk tal-UE, u bil-kontra.

Is-soċjetà ċivili u l-industrija jistiednu lill-Kummissjoni tkompli tafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tippromovi t-trasparenza fis-settur estrattiv f'fora internazzjonali, sabiex tħeġġeġ lis-sħab internazzjonali tagħha jintroduċu rekwiżiti ta' rapportar simili madwar id-dinja.

L-effetti fuq il-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija

L-UE hija dipendenti ħafna fuq ftit pajjiżi kemm għall-provvista taż-żejt mhux maħdum kif ukoll għall-provvista tal-gass tagħha. Kwalunkwe limitazzjoni tal-operazzjonijiet tal-kumpaniji tal-UE f'pajjiżi sħab strateġiċi rikki fir-riżorsi minħabba r-rekwiżiti ta' rapportar ikollha impatt fuq is-sigurtà tal-enerġija.

VVA ma sabet l-ebda evidenza li l-kompetituri minn pajjiżi mhux tal-UE għandhom vantaġġi kompetittivi sinifikanti billi mhumiex meħtieġa jirrapportaw dwar il-pagamenti lill-gvernijiet. Lanqas ma sabet każijiet ta' pajjiżi mhux tal-UE li jillimitaw l-operazzjonijiet tal-kumpaniji tal-UE minħabba rekwiżiti ta' rapportar. Madankollu, in-negozji għadhom imħassba dwar in-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi, minħabba li l-kompetituri tal-Istati Uniti, Ċiniżi u oħrajn mhumiex taħt l-istess obbligi ta' trasparenza. L-industrija hija mħassba dwar ir-riskji tal-kompetittività fit-tul minħabba dan in-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi. Studju akkademiku ([30]) jidher li jappoġġa din id-dikjarazzjoni, billi sab li l-kumpaniji li jiddivulgaw is-CBCR għandhom it-tendenza li jżidu l-pagamenti tagħhom lill-gvernijiet ospitanti u li jnaqqsu u jirriallokaw l-investimenti meta mqabbla ma' kompetituri li ma jiddivulgawx f'dawk il-pajjiżi.

[30] Thomas Rauter, *Disclosure Regulation, Corruption, and Investment: Evidence from Natural Resource Extraction* (Regolament dwar id-Divulgazzjoni, il-Korruzzjoni u l-Investiment: Evidenza mill-Estrazzjoni tar-Riżorsi Naturali) – Frar 2019.

Madankollu, s'issa ma kien hemm l-ebda effett tanġibbli ieħor fuq il-provvista tal-enerġija tal-UE. Il-politika tas-CBCR għandha biss ftit snin. Dan huwa ferm inqas miċ-ċikli industrijali normalment ħafna itwal fl-estrazzjoni, fiż-żejt, eċċ. mill-esplorazzjoni u l-investiment sal-għeluq. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li tinżamm attenzjoni mill-qrib fuq is-sitwazzjoni minn perspettiva ta' riskju.

Estensjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar għal setturi tal-industrija addizzjonali

Għas-soċjetà ċivili, l-estensjoni tas-CBCR għal setturi tal-industrija addizzjonali (eż. it-telekomunikazzjoni, il-kostruzzjoni) tista' tgħin biex jitnaqqsu r-riskji tas-soċjetà u tal-investituri, kif ukoll biex jiġu evitati u skoraġġuti l-illegalità, il-korruzzjoni u l-ġestjoni fiskali ħażina. Madankollu, l-esperti u l-NGOs għandhom it-tendenza li jirrikonoxxu n-nuqqas ta' prattiċità ta' soluzzjoni waħda għal kulħadd – sempliċiment trasferiment bl-ingrossa ta' standards tas-CBCR għall-industriji estrattivi għal industriji oħra billi, pereżempju, sempliċiment jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva. Rekwiżiti mfassla apposta jkunu meħtieġa għal kwalunkwe settur addizzjonali. Tħassib ieħor huwa li l-effettività ta' miżura bħal din tiddependi ħafna wkoll fuq id-daqs ta' ditta u l-internazzjonalità tas-settur. Dan ifisser li jista' ma jkunx prattiku li jiġi ddefinit kamp ta' applikazzjoni xieraq fid-dritt tal-Unjoni għal ċerti setturi, peress li dan jiddependi fuq kemm l-industriji tal-UE huma investiti barra mill-pajjiż lokalment fis-settur rilevanti, fuq il-fatt li huma kbar biżżejjed minnhom infushom, u li jħallsu ammonti sinifikanti lill-gvernijiet. Barra minn hekk, filwaqt li l-objettiv tas-CBCR huwa primarjament li jagħti s-setgħa lill-popolazzjonijiet lokali ffaċċjati bl-isfruttament tar-riżorsi naturali u mhux rinnovabbli tagħhom, tali rapportar jista' ma jkunx xieraq biex jintlaħqu objettivi simili f'setturi li l-fatturi ambjentali u tal-viċinat tagħhom mhumiex partijiet intrinsiċi.

Awditjar

L-awditjar mhuwiex rekwiżit ta' rapportar obbligatorju. Madankollu, ċerti kumpaniji multinazzjonali kbar jużaw volontarjament is-servizzi ta' awdituri indipendenti biex jipprovdu assigurazzjoni addizzjonali, sabiex iżidu l-kredibbiltà u l-affidabbiltà tar-rapporti tagħhom għall-utenti.

Jekk l-awditjar ikun obbligatorju, il-partijiet ikkonċernati jixtiequ li jkollhom speċifikazzjoni ulterjuri tat-tip ta' inkarigu, livell ta' assigurazzjoni, twaqqit, kontenut ta' rapportar u pubblikazzjoni. Jekk wieħed jassumi inkarigu tal-awditjar tradizzjonali, VVA poġġiet l-ispejjeż annwali stmati fil-medda ta' EUR 450 000 sa EUR 1 500 000 għal kull kumpanija. Jekk wieħed jassumi eżami tal-inkarigu aktar sempliċi b'assigurazzjoni limitata, dan jonqos għal bejn EUR 250 u EUR 450 000. L-ispejjeż ta' tipi oħra ta' inkarigu – bis-servizzi tal-assigurazzjoni jew mingħajrhom – ma ġewx ivvalutati.

L-awditu tas-CBCR mhuwiex prijorità ewlenija għas-soċjetà ċivili, bħala utenti, minkejja li jirrikonoxxu li awditu tas-CBCR iżid il-fiduċja u jissimplifika l-applikazzjoni tal-istandards. L-aspettattivi li l-funzjoni tal-awditjar tista' tgħin biex jiġu rrimedjati punti dgħajfa fl-istandards, bħal dawk stabbiliti f'dan ir-rapport, jistgħu fi kwalunkwe każ ma jkunux

ġustifikati. In-negozji u r-regolaturi għandhom it-tendenza li ma jappoġġawx (jew tal-inqas jisfidaw) l-awditu minn perspettiva ta' kostijiet-benefiċċji.

CBCR pubbliku applikabbli għal kumpaniji multinazzjonali b'mod ġenerali

Fl-2016, il-Kummissjoni pproponiet leġiżlazzjoni li tirrikjedi li kull sena l-kumpaniji kbar jipproduċu CBCR għal kull Stat Membru u għal pajjiżi mhux tal-UE li joperaw fihom, li jkun fih informazzjoni dwar il-profitti magħmula u t-taxxi mħallsa fuq il-profitti ([31]).

Il-provvista ta' minerali (diliġenza dovuta)

L-UE għaddiet leġiżlazzjoni dwar l-obbligi ta' diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista fir-rigward tal-provvista ta' minerali (ir-Regolament (UE) 2017/821) ([32]).

Konklużjoni

Is-CBCR huwa obbligu ta' rapportar reċenti. Ir-rapporti ilhom disponibbli għal ftit snin finanzjarji biss. Ikun meħtieġ perjodu ta' osservazzjoni itwal biex jiġu vvalutati aktar bir-reqqa ċerti aspetti tal-effettività u kwalunkwe effett fit-tul fuq il-provvista tal-enerġija tal-UE. Ir-rieżami jenfasizza għadd ta' nuqqasijiet fl-istandards tar-rapportar. Dawn ifixklu l-aċċess għar-rapporti u l-użu tagħhom, iżda mhumiex difetti fatali. Il-mod kif is-settur tal-qtugħ tas-siġar għall-injam huwa inkorporat fil-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam, b'mod partikolari, jidher li huwa subottimali. B'mod ġenerali, il-politika bla dubju tagħmel lis-settur aktar trasparenti, iżda l-allinjament globali jibqa' ta' tħassib ewlieni għall-industrija. Din hija r-raġuni għaliex kemm is-soċjetà ċivili kif ukoll l-industrija jixtiequ li r-regolaturi jżidu l-isforzi tagħhom biex jiksbu kundizzjonijiet ekwi globali.

---

[31] *Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-informazzjoni dwar it-taxxa fuq l-introjtu minn ċerti intrapriżi u fergħat*, COM/2016/0198 final - 2016/0107 (COD), April 2016.

[32] Ir-Regolament (UE) 2017/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li jistabbilixxi obbligi tad-diliġenza dovuta tal-katina tal-provvista għall-importaturi tal-Unjoni ta' landa, tantalu u tungstenu, il-minerali tagħhom, u deheb li joriġinaw minn żoni affettwati minn kunflitti u ta' riskju għoli.

Informazzjoni mhux finanzjarja li għandha tiġi ppubblikata minn ċerti entitajiet ta' interess pubbliku

Klawsola ta' rieżami: Id-Direttiva 2014/95/UE (id-Direttiva dwar ir-Rapportar Mhux Finanzjarju) – l-Artikolu 3

Effettività

Id-dokument ta' ħidma tal-persunal mehmuż ma' dan ir-rapport eżamina l-effettività tad-Direttiva dwar ir-Rapportar Mhux Finanzjarju (NFRD) minn perspettivi differenti, inkluż ir-rilevanza, l-affidabbiltà u l-komparabbiltà tal-informazzjoni divulgata skont ir-rekwiżiti tagħha.

Mil-lat tar-rilevanza, hemm ammont sinifikanti ta' evidenza li ħafna kumpaniji ma jiddivulgawx informazzjoni materjali mhux finanzjarja dwar il-kwistjonijiet ewlenin kollha relatati mas-sostenibbiltà. Fl-istess ħin, il-kumpaniji jiddivulgaw ammonti sinifikanti ta' informazzjoni li hija immaterjali, u b'hekk jagħmluha aktar diffiċli għall-utenti biex isibu l-informazzjoni li qed ifittxu. Dawn il-konklużjonijiet huma veri għal informazzjoni dwar l-impatt tal-kumpanija fuq kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà u għal informazzjoni dwar l-impatt ta' dawn il-kwistjonijiet fuq l-iżvilupp, il-prestazzjoni u l-pożizzjoni tal-kumpanija. Fil-konsultazzjoni pubblika organizzata mis-servizzi tal-Kummissjoni fl-2020 biex jitħejja rieżami tal-NFRD, 6 % biss tal-utenti qalu li ma esperjenzawx problemi rigward in-nuqqas min-naħa tal-kumpaniji milli jiddivulgaw l-informazzjoni rilevanti kollha.

Ir-Regolament dwar it-Tassonomija se jwassal għal progress fir-rapportar korporattiv dwar l-impatt tal-attivitajiet tal-kumpaniji fir-rigward tal-objettivi ambjentali tal-UE. Inizjattivi fil-qasam tal-kontabilità tal-kapital naturali u l-metodoloġiji tal-impronta ambjentali huma rilevanti wkoll f'dan ir-rigward.

L-użu tat-terminu "informazzjoni mhux finanzjarja" huwa problematiku fil-każ ta' informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà. Dan għaliex l-informazzjoni relatata mar-riskji fiżiċi, ta' tranżizzjoni jew reputazzjonali fil-fatt tista' tkun finanzjarjament materjali, anki jekk ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' rikonoxximent jew ta' divulgazzjoni tal-qafas ta' kontabilità applikabbli għar-rapporti finanzjarji.

Mil-lat tal-komparabbiltà, ir-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika li saret fl-2018 bħala parti mill-eżerċizzju tal-Kontroll tal-Idoneità dwar il-qafas ta' rapportar korporattiv tal-UE sostnew li għandhom diffikultà biex iqabblu l-informazzjoni mhux finanzjarja divulgata mill-kumpaniji. Dan huwa konsistenti mal-konklużjonijiet tal-biċċa l-kbira tar-rapporti u tal-analiżijiet u mal-fehmiet ta' diversi partijiet ikkonċernati. Bi tweġiba għall-konsultazzjoni pubblika tal-2020, 84 % tal-utenti qalu li l-komparabbiltà limitata ta' informazzjoni mhux finanzjarja kienet problema sinifikanti.

Hemm nuqqas ta' konsistenza kemm fil-kontenut kif ukoll fil-preżentazzjoni ta' informazzjoni relatata mas-sostenibbiltà. L-istandards u l-oqfsa ta' rapportar eżistenti ma kinux kapaċi jsolvu din is-sitwazzjoni b'mod adegwat. L-utenti ta' informazzjoni mhux finanzjarja, inklużi l-investituri u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, indikaw ukoll li l-

varjetà ta' postijiet fejn tiġi rrapportata informazzjoni mhux finanzjarja tista' xxekkel l-aċċess għall-informazzjoni u taffettwa b'mod qawwi l-komparabbiltà tagħha. Kif ġie nnotat fid-dokument ta' ħidma tal-persunal, id-diġitalizzazzjoni jista' jkollha rwol ukoll fit-titjib tal-aċċessibbiltà u l-użu ta' informazzjoni mhux finanzjarja.

Maġġoranza kbira (82 %) tar-rispondenti kollha għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa tal-2020 kienu tal-fehma li r-rekwiżit li l-kumpaniji jużaw standards komuni ta' rapportar isolvi l-problemi ewlenin bir-rapportar mhux finanzjarju attwali.

Bi tweġiba għall-konsultazzjoni pubblika tal-2020([33]), 73 % tal-utenti qalu li l-affidabbiltà limitata tal-informazzjoni mhux finanzjarja fir-rapporti tal-kumpaniji kienet problema sinifikanti. Ħafna utenti jargumentaw li dan huwa prinċipalment minħabba n-nuqqas ta' rekwiżit ta' assigurazzjoni għall-kontenut ta' dikjarazzjoni mhux finanzjarja. Xi partijiet ikkonċernati jargumentaw li sabiex tkun tista' tiġi żgurata l-informazzjoni, irid ikun hemm standard jew qafas ta' rapportar li miegħu, id-ditti tal-awditjar, jistgħu jivvalutaw l-informazzjoni rapportata mill-kumpaniji.

Barra minn hekk, l-għażla li tiġi permessa l-pubblikazzjoni tad-dikjarazzjoni mhux finanzjarja ta' kumpanija f'rapport separat, li ġie adottat minn 20 Stat Membru, tidher li ddgħajjef l-effettività tad-Direttiva. Id-divulgazzjoni ta' informazzjoni mhux finanzjarja f'rapport separat, minflok fir-rapport maniġerjali, tista' twassal għas-suppożizzjoni li l-informazzjoni divulgata mhijiex importanti biex tinftiehem il-prestazzjoni finanzjarja tal-kumpanija, iżda dan mhux dejjem ikun il-każ.

Barra minn hekk, f'ħafna Stati Membri hemm lakuni fl-infurzar u s-superviżjoni li jirriżultaw minn għadd ta' fatturi. Dawn jinkludu inċertezza dwar il-mandat legali tal-awtoritajiet superviżorji f'dan il-qasam. L-awtoritajiet superviżorji nfushom jindikaw li l-flessibbiltà ta' xi whud mir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tagħmel l-eżegwibilità tad-Direttiva aktar diffiċli.

Barra minn hekk, l-NFRD ma jitqiesx li huwa kompletament effettiv mill-perspettiva ta' dawk li jippreparaw, li ħafna minnhom iġarrbu spejjeż mhux meħtieġa assoċjati mar-rapportar mhux finanzjarju. Il-flessibbiltà u n-nuqqas ta' granularità fl-NFRD ifissru li ħafna minn dawk li jippreparaw iridu jiffaċċjaw diffikultà u kumplessità meta jiddeċiedu liema informazzjoni għandha tiġi rrapportata. Huma jinsabu wkoll taħt pressjoni biex jirrapportaw skont varjetà ta' oqfsa u inizjattivi ta' rapportar privati li jikkoinċidu, u biex iwieġbu għat-talbiet ta' informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati flimkien ma' dak li jridu jirrapportaw skont l-NFRD.

Kamp ta' applikazzjoni

Ħafna kumpaniji li mingħandhom l-utenti jeħtieġu informazzjoni mhux finanzjarja ma għandhom l-ebda obbligu li jirrapportaw tali informazzjoni. Il-konsultazzjoni pubblika tal-2020 sabet li l-maġġoranza tar-rispondenti huma favur l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni

[33] Ara s-sit web tal-Kummissjoni.

tad-direttiva għall-kumpaniji l-kbar kollha (70 % tar-rispondenti) u għall-kumpaniji kollha b'titoli elenkati fi swieq regolati tal-UE (62 % tar-rispondenti).

Ir-raġunijiet għall-kunsiderazzjoni tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal kumpaniji kbar mhux elenkati jinkludu l-fatt li l-impatt ta' kumpanija fuq is-soċjetà u l-ambjent mhuwiex determinat minn jekk hijiex elenkata jew le. Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għall-kumpaniji elenkati kollha tista' titqies importanti mill-perspettiva tal-protezzjoni tal-investitur, meta titqies ir-rilevanza dejjem akbar ta' riskji relatati mas-sostenibbiltà. Din tista' tkun meħtieġa wkoll sabiex jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-swieq finanzjarji jkollhom l-informazzjoni li jeħtieġu mingħand il-kumpaniji kollha destinatarji ta' investiment sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tas-sostenibbiltà tagħhom stess skont ir-Regolament dwar id-Divulgazzjoni ta' Finanzi Sostenibbli, u biex jiġi żgurat li dawn ma jiddeċidux li jeskludu kumpaniji elenkati iżgħar minn portafolli ta' investiment fuq il-bażi li tali kumpaniji ma jirrapportawx l-informazzjoni meħtieġa.

Rilevanza

Għalkemm l-objettivi inizjali tal-NFRD għadhom rilevanti ħafna, id-Direttiva ma għadhiex adattata għall-iskop tagħha. Dan minħabba żviluppi ta' politika u leġiżlattivi oħrajn, domanda dejjem akbar għal informazzjoni mill-investituri, u żviluppi reċenti f'oqfsa ta' rapportar u linji gwida rikonoxxuti internazzjonalment.

Fil-livell globali, il-ftehim tal-2015 dwar l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU u l-Ftehim ta' Pariġi tal-2016 dwar it-tibdil fil-klima taw spinta politika aktar b'saħħitha lit-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, u kkontribwew għal sensibilizzazzjoni dejjem akbar dwar l-importanza strateġika ta' kwistjonijiet ta' sostenibbiltà fost in-negozji u l-investituri.

Fil-livell tal-UE, il-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli tal-2018 u l-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-2019 żiedu b'mod sinifikanti l-ambizzjoni politika tal-Ewropa biex timxi kemm jista' jkun malajr lejn sistema ekonomika u finanzjarja sostenibbli. Bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Finanzi Sostenibbli, l-UE adottat ir-Regolament dwar it-Tassonomija u r-Regolament dwar id-Divulgazzjoni ta' Finanzi Sostenibbli (SFDR). Iż-żewġ biċċiet ta' leġiżlazzjoni għandhom implikazzjonijiet importanti għall-informazzjoni mhux finanzjarja li l-kumpaniji jenħtieġ li jiddivulgaw. Billi jimponi rekwiżiti ta' divulgazzjoni tas-sostenibbiltà fuq il-parteċipanti fis-swieq finanzjarji, l-SFDR se jkollu impatt dirett fuq l-informazzjoni li dawn jeħtieġu mingħand kumpaniji destinatarji ta' investiment. Ir-Regolament dwar it-Tassonomija jimponi rekwiżiti ġodda fuq kumpaniji taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-NFRD biex jiddivulgaw l-allinjament tagħhom ma' attivitajiet li jikkwalifikaw bħala ambjentalment sostenibbli skont it-tassonomija.

Kien hemm xi żviluppi sinifikanti fl-oqfsa u l-linji gwida internazzjonali ta' rapportar mhux finanzjarju. Mill-2014, kien hemm proliferazzjoni ta' inizjattivi differenti li parzjalment jikkoinċidu u mhux dejjem ikunu konsistenti ma' xulxin. Fl-2016, l-Inizjattiva Globali ta'

Rapportar([34]) ippubblikat l-ewwel standards tagħha, filwaqt li bniet fuq il-ġenerazzjonijiet preċedenti ta' linji gwida tagħha. Fl-2018, il-Bord dwar l-Istandards tal-Kontabilità ta' Sostenibbiltà (SASB) ippubblika 77 standard tal-industrija għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni finanzjarjament materjali relatata mas-sostenibbiltà. It-Task Force dwar id-Divulgazzjonijiet Finanzjarji relatati mal-Klima (Task Force on Climate-related Financial Disclosures, "TCFD"), stabbilita mill-Bord għall-Istabilità Finanzjarja tal-G20, ippubblikat ir-rakkomandazzjonijiet tagħha fl-2017. Ir-rakkomandazzjonijiet qajmu interess mifrux fis-suq. Żviluppi oħrajn mill-2014 jinkludu Dikjarazzjoni ta' Intenzjoni minn ħames inizjattivi internazzjonali ta' rapportar dwar is-sostenibbiltà biex jikkooperaw aktar mill-qrib, inizjattiva mill-Forum Ekonomiku Dinji biex jiġu żviluppati indikaturi komuni ta' rapportar, u t-tnedija fl-2020 ta' konsultazzjoni pubblika mill-Fondazzjoni għall-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju dwar l-estensjoni possibbli tal-ħidma tagħha għar-rapportar mhux finanzjarju.

Livell ta' gwida u metodi pprovduti

F'nofs l-2017, kif meħtieġ skont id-Direttiva, il-Kummissjoni ppubblikat Linji Gwida Mhux Vinkolanti, biex tgħin lill-kumpaniji jimplimentawha. Dawn jipprovdu gwida ġenerali mhux preskrittiva għall-kumpaniji, inklużi eżempji ta' divulgazzjoni għal kull qasam ta' rapportar.

Ftit hemm evidenza li l-linji gwida mhux vinkolanti dwar ir-rapportar mhux finanzjarju, ippubblikati mill-Kummissjoni skont id-Direttiva fl-2017, kellhom impatt sinifikanti. In-natura volontarja tal-linji gwida tfisser li l-kumpaniji huma liberi li japplikawhom jew le skont kif huma jqisu xieraq. B'mod ġenerali, dan ifisser li, waħedhom, ma jistgħux jiżguraw il-komparabbiltà tal-informazzjoni bejn il-kumpaniji jew id-divulgazzjoni tal-informazzjoni li l-utenti jemmnu li hija rilevanti. Il-linji gwida mhux vinkolanti jistgħu saħansitra jaggravaw il-kumplessità li dawk li jippreparaw iridu jiffaċċjaw. Dan jista' jkun il-każ jekk dawk li jippreparaw jarawhom bħala addizzjonali għad-diversi standards u oqfsa privati mhux finanzjarji, mingħajr ma jneħħu l-pressjoni biex iqisu kull standard u qafas individwalment u jwieġbu għat-talbiet ta' informazzjoni addizzjonali tal-partijiet ikkonċernati.

F'Ġunju 2019, il-Kummissjoni ppubblikat suppliment għal-linji gwida tagħha tal-2017, b'enfasi fuq ir-rapportar ta' informazzjoni relatata mal-klima u l-integrazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tat-TCFD. Minħabba li jiffoka fuq kwistjoni partikolari waħda (il-klima), dan is-suppliment huwa mistenni li jkollu impatt aktar sinifikanti fuq il-komparabbiltà tal-informazzjoni divulgata mill-kumpaniji.

Konklużjoni

Fil-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-Kummissjoni ħabbret l-intenzjoni tagħha li tirrevedi l-NFRD. Skont il-Programm ta' Ħidma tal-2020 rivedut tagħha, il-Kummissjoni se tadotta proposta biex tirrevedi l-NFRD fl-2021. Il-kwistjonijiet ewlenin inkwistjoni jinkludu: il-komparabbiltà u l-affidabbiltà limitati tal-informazzjoni rapportata; il-fatt li ħafna kumpaniji ma

[34] www.globalreporting.org

jirrapportawx l-informazzjoni li l-utenti jqisu rilevanti; u n-nuqqas min-naħa ta' ħafna kumpaniji li mingħandhom l-utenti jeħtieġu informazzjoni mhux finanzjarja biex jirrapportaw tali informazzjoni. L-impożizzjoni ta' rekwiżit fuq il-kumpaniji biex jirrapportaw skont standards komuni ta' rapportar mhux finanzjarju hija parti kruċjali mis-sitwazzjoni kumplessa fl-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet.

Rekwiżiti ta' divulgazzjoni għall-emittenti b'titoli elenkati fi swieq regolati tal-UE

Klawsola ta' rieżami: Id-Direttiva 2013/50/UE (id-Direttiva dwar it-Trasparenza) – l-Artikolu 5

L-impatt tad-Direttiva fuq emittenti żgħar u ta' daqs medju

Id-Direttiva 2013/50/UE li temenda d-Direttiva 2004/109/KE (id-Direttiva dwar it-Trasparenza jew it-TD) neħħiet l-obbligu li tiġi ppubblikata informazzjoni finanzjarja trimestrali([35]). L-għan li jsir dan kien li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji elenkati([36]), li jiġu mħeġġa investimenti fit-tul u li jitjieb l-aċċess għall-kapital għal emittenti żgħar u ta' daqs medju([37]). Id-Direttiva tippermetti lill-Istati Membri u lis-swieq regolati jirrikjedu rapportar trimestrali sakemm dan ikun proporzjonat għall-fatturi li jikkontribwixxu għal deċiżjonijiet ta' investiment u ma jikkostitwixxix piż finanzjarju sproporzjonat għall-emittenti tal-Istat Membru kkonċernat. Hija testendi wkoll, għal tliet xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' rapportar, l-iskadenza għall-pubblikazzjoni ta' rapporti finanzjarji ta' nofs is-sena, sabiex tipprovdi flessibbiltà addizzjonali u żżid il-viżibbiltà ta' emittenti żgħar u ta' daqs medju.

Ftit snin wara, is-swieq iqisu li dawn ir-regoli ta' trasparenza huma ġeneralment proporzjonati u preċiżi għall-emittenti żgħar u ta' daqs medju([38]). It-tneħħija tal-obbligu ta' rapportar trimestrali hija meqjusa bħala li ttaffi l-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji elenkati, mingħajr ebda impatt negattiv fuq il-protezzjoni tal-investitur. Madankollu, hemm evidenza li ħafna emittenti għadhom jiddivulgaw rapportar trimestrali – jew b'mod volontarju([39]), jew għaliex dan huwa meħtieġ mill-Istati Membri rispettivi tagħhom jew mis-suq regolat([40]). Dan kellu l-effett li jillimita l-iskala u jdgħajjef l-impatt tat-tneħħija tal-obbligu ta' rapportar trimestrali.

---

[35] Jew rapporti finanzjarji trimestrali jew rapporti ta' ġestjoni interim, ġeneralment imsejħa informazzjoni finanzjarja trimestrali.

[36] Fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja l-proposta tal-Kummissjoni għad-Direttiva 2013/50/UE (COM(2011) 683 final}{SEC(2011) 1280 final}), is-servizzi tal-Kummissjoni stmaw li l-ispejjeż monetarji diretti medji tal-produzzjoni ta' informazzjoni trimestrali marbuta mal-editjar, l-istampar u t-traduzzjoni tar-rapporti jvarjaw minn EUR 2 000 fis-sena/għal EUR 60 000 fis-sena/għal kull emittent żgħir u ta' daqs medju.

[37] Il-leġiżlazzjoni tal-UE ma tiddefinixxix emittenti żgħar u ta' daqs medju. Hemm xi ftit definizzjonijiet tal-UE ta' SMEs li jkopru intrapriżi ta' daqs żgħir. Madankollu, dawn ma jagħmlux distinzjoni bejn kumpaniji elenkati u dawk mhux elenkati. Ir-referenza għal emittenti żgħar u ta' daqs medju f'dan ir-rapport jenħtieġ li tinftiehem bħala li tirreferi għall-kunċetti nazzjonali eżistenti fl-Istati Membri differenti.

[38] Skont it-tweġibiet għal diversi konsultazzjonijiet, iżda b'mod partikolari r-Rapport Sommarju tal-Kummissjoni tal-Konsultazzjoni Pubblika dwar il-Kontroll tal-Idoneità tal-qafas tal-UE għar-rapportar pubbliku mill-kumpaniji. L-esperti tal-gvern fil-Grupp ta' Esperti tal-Kumitat Ewropew tat-Titoli (EGESC), ikkonsultati fl-ewwel trimestru tal-2019, ukoll għandhom it-tendenza li jikkonfermaw dan.

[39] Fuq il-bażi tal-eżitu tal-konsultazzjoni tal-EGESC f'mill-inqas 15-il Stat Membru, l-emittenti jagħżlu li jippubblikaw l-informazzjoni finanzjarja trimestrali tagħhom sabiex jagħtu lill-investituri tagħhom informazzjoni personalizzata jew sempliċiment b'reazzjoni għall-pressjoni bejn il-pari. Aktar ma tkun kbira l-kumpanija, aktar tkun lesta li tirrapporta kull tliet xhur.

[40] Abbażi tal-eżitu tal-konsultazzjoni tal-EGESC, mill-inqas ħames Stati Membri għadhom jeħtieġu d-divulgazzjoni ta' rapporti trimestrali, u f'mill-inqas seba' fejn ir-rapportar trimestrali mhuwiex obbligatorju, is-swieq regolati jeħtieġu divulgazzjoni.

Diġitalizzazzjoni

It-TD tirrikjedi li kull Stat Membru jistabbilixxi mekkaniżmu ta' ħżin (il-Mekkaniżmu Maħtur Uffiċjalment jew l-OAM) biex jiġi żgurat li l-pubbliku jkun jista' jaċċessa l-informazzjoni divulgata mill-kumpaniji elenkati. It-TD tħejji t-triq għal aċċess ċentralizzat għal informazzjoni regolata, fil-forma ta' Punt ta' Aċċess Elettroniku Ewropew (EEAP). L-EEAP għadu mhux operazzjonali, iżda r-Regolament 2016/1437([41]) huwa pass importanti lejn is-simplifikazzjoni tal-aċċess għall-informazzjoni ma' dan il-punt ta' aċċess([42]). Madankollu, l-aċċess għall-informazzjoni għadu frammentat. Fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tagħha dwar l-Unjoni tas-Swieq Kapitali (CMU) ([43]), il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li tlesti s-CMU billi tistabbilixxi pjattaforma madwar l-UE – il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP). Bl-istess mod, l-Istrateġija dwar il-Finanzi Diġitali([44]) għandha l-għan li toħloq spazju Ewropew ta' *data* finanzjarja sabiex tippromovi l-innovazzjoni mmexxija mid-*data*, filwaqt li tibni fuq l-istrateġija Ewropea għad-*data*, inkluż aċċess u użu aktar faċli tad-*data*.

Minbarra l-emendi tal-2013 għat-TD, fl-2019 il-Kummissjoni adottat Regolament Delegat biex tistabbilixxi Format Elettroniku Uniku Ewropew (ESEF) għat-tħejjija ta' Rapporti Finanzjarji Annwali (AFRs) minn kumpaniji elenkati (ir-Regolament tal-ESEF)([45]). Ir-Regolament tal-ESEF se japplika għal kumpaniji mis-sena finanzjarja 2020 (jiġifieri l-ewwel AFRs fl-ESEF se jiġu ppubblikati fl-2021)[46]. L-objettiv huwa li r-rapportar isir aktar faċli u li jiġu ffaċilitati l-analiżi diġitali u l-komparabbiltà tal-AFRs mill-utenti tal-informazzjoni. L-ESEF jikkombina l-format tal-lingwaġġ tal-immarkar tal-ipertest estensibbli mal-istruttura tad-*data* interna, filwaqt li jibni fuq l-eXtensible Business Reporting Language (iXBRL). Ir-Regolament tal-ESEF jipprevedi żvilupp gradwali tal-ESEF. L-ittaggjar fi blokok tan-noti se jsir obbligatorju mis-sena finanzjarja 2022. Barra minn hekk, għad iridu jiġu indirizzati l-ispeċifikazzjonijiet dwar it-tassonomija li għandha tintuża għar-rapporti tal-entitajiet legali bl-użu ta' Prinċipji tal-Kontabilità Ġeneralment Aċċettati nazzjonali jew Prinċipji tal-Kontabilità Ġeneralment Aċċettati minn pajjiżi mhux tal-UE.

Minkejja li għadu ma ġiex applikat, ir-Regolament tal-ESEF qajjem għadd ta' punti ta' tħassib għall-kumpaniji li jirrapportaw, għar-regolaturi nazzjonali u għall-korpi ta' sorveljanza, b'mod partikolari dwar l-awditjar ta' rapporti finanzjarji konformi mal-ESEF. Sabiex jipprovdi lis-suq bi gwida u biex jiżgura l-konverġenza tal-prattiki nazzjonali tal-

---

[41] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1437 tad-19 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għall-aċċess għall-informazzjoni regolata fil-livell tal-Unjoni, ĠU L 234, 31.8.2016, p 1–7.

[42] Pereżempju, il-biċċa l-kbira tal-OAMs strutturaw l-għodod ta' tiftix pubbliku tagħhom skont il-klassifikazzjoni f'dan ir-Regolament.

[43] *Pjan ta' azzjoni ġdid tas-CMU*.

[44] *Pakkett dwar il-finanzi diġitali*.

[45] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/815 tas-17 ta' Diċembru 2018 li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-ispeċifikazzjoni tal-format elettroniku uniku għar-rapportar, ĠU L 143, 29.5.2019, p. 1–792.

[46] Matul in-negozjati tat-trilogu għall-Pakkett dwar l-Irkupru tas-Swieq Kapitali li saru f'Diċembru 2020, il-koleġiżlaturi qablu li fil-pakkett jinkludu emenda għall-Artikolu 4(7) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza li tippermetti lill-Istati Membri jagħżlu posponiment ta' sena tal-obbligu tal-ESEF, dment li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li jipposponu u li tali intenzjoni tkun motivata kif xieraq.

awditjar, f'Novembru 2019, il-Kumitat ta' Korpi Ewropej għas-Sorveljanza tal-Awditjar (Committee of European Auditing Oversight Bodies, "CEAOB") ippubblika linji gwida mhux vinkolanti dwar kif l-ESEF għandu jiġi awditjat fil-prattika[47]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni interpretattiva f'Novembru 2020([48]).

Applikazzjoni tar-reġim tas-sanzjonar tat-TD

Sabiex jiġu żgurati aktar armonizzazzjoni u tisħiħ tar-reġimi nazzjonali tas-sanzjonar ([49]), l-emendi tal-2013 għat-TD jirrikjedu li kull Awtorità Nazzjonali Kompetenti (NCA) jkollha setgħat minimi ta' sanzjonar għal ksur ta' ċerti dispożizzjonijiet ewlenin. B'mod partikolari, dan jimponi l-istabbiliment mill-Istati Membri ta' miżuri u sanzjonijiet amministrattivi minimi (eż. il-ħruġ ta' sanzjonijiet pekunarji u l-pubblikazzjoni tal-miżuri u s-sanzjonijiet maħruġa mill-NCA) li jeħtieġ li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, u li jridu jkunu applikabbli kemm għall-persuni fiżiċi kif ukoll għal dawk ġuridiċi. Fi kwalunkwe każ, l-Istati Membri jitħallew jipprevedu sanzjonijiet jew miżuri addizzjonali u livelli ogħla ta' sanzjonijiet pekunarji amministrattivi.

Skont ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet u tal-analiżi([50]), l-emenda tal-2013 għat-TD wasslet għal reġimi tas-sanzjonar aktar omoġeni madwar l-Istati Membri. Madankollu, jista' jkun hemm armonizzazzjoni akbar fl-applikazzjoni ta' miżuri amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur tar-regoli dwar it-trasparenza. Hemm ukoll tħassib dwar attivitajiet ta' infurzar, li jistgħu jipperikolaw l-applikazzjoni konformi tar-reġim tas-sanzjonar tat-TD. It-TD tobbliga lill-Istati Membri jipprovdu lill-NCAs b'setgħat superviżorji minimi, iżda ma tispeċifikax aktar kif għandhom jeżerċitaw dawn is-setgħat. L-ESMA tagħmel sforzi importanti biex tikseb konverġenza superviżorja tal-prattiki ta' infurzar tal-NCAs([51]). Madankollu, il-prattiki nazzjonali għandhom it-tendenza li jibqgħu eteroġeni minn perspettiva tal-UE, pereżempju f'termini tal-ambitu, il-miżuri ta' infurzar([52]) jew il-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet. Barra minn hekk, minħabba l-approċċ ta' armonizzazzjoni minima, id-definizzjoni ta' setgħat superviżorji għandha t-tendenza li tvarja b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri. Pereżempju, ċerti NCAs għandhom setgħat limitati biex iwettqu investigazzjonijiet f'rapporti mhux finanzjarji meta jkunu separati mir-rapporti ta' ġestjoni. F'dan l-isfond, il-kollass ta' Wirecard([53]) enfasizza li xi prattiki nazzjonali jistgħu ma jkunux

---

47 *Linji gwida tas-CEAOB dwar l-involviment tal-awdituri fir-rapporti finanzjarji fl-ESEF*.

48 *Komunikazzjoni Interpretattiva tal-ESEF*.

49 Wara l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2010 dwar *Tisħiħ tar-reġimi ta' sanzjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji*.

50 B'mod partikolari l-eżitu tal-konsultazzjoni tal-EGESC fl-ewwel trimestru tal-2019.

51 L-ESMA trawwem konverġenza permezz ta' linji gwida, mistoqsijiet u tweġibiet, programmi ta' ħidma, il-ħidma tal-kumitat, rapporti ta' attività, eċċ. Fl-2014 ippubblikat il-*Linji Gwida dwar l-infurzar ta' informazzjoni finanzjarja*, li ġew riveduti fl-2020. Il-*mistoqsijiet u t-tweġibiet tagħha dwar id-Direttiva dwar it-Trasparenza*, li jkopru wkoll aspetti tal-applikazzjoni tar-reġim tas-sanzjonar, jiġu aġġornati regolarment.

52 Ara pereżempju r-*Rapport tal-ESMA dwar l-infurzar u l-attivitajiet regolatorji tal-inforzaturi Ewropej fl-2019*. Fir-rigward tal-pubblikazzjoni ta' sanzjonijiet, stħarriġ ta' esperti fl-EGESC juri li hemm diversi prattiki, li jinvolvu pereżempju n-nuqqas ta' pubblikazzjoni tal-miżuri f'ċerti ċirkostanzi, kif permess skont it-TD. L-aċċess jibqa' frammentat ġeografikament, minħabba n-nuqqas ta' punt ta' aċċess uniku tal-UE.

53 Wirecard, kumpanija Ġermaniża b'ishma elenkati fi swieq regolati, iddikjarat falliment f'Ġunju 2020 wara r-rivelazzjonijiet li EUR 1,9 biljun fi flus irrapportati fil-karta tal-bilanċ tal-grupp kienu nieqsa.

effettivi daqs kemm kien maħsub, u xeħet dawl fuq oqsma potenzjali addizzjonali għal titjib. B'mod partikolari, ir-Rieżami bejn il-Pari Rapidu tal-ESMA ([54]) identifika nuqqasijiet fl-infurzar tar-rapportar finanzjarju ta' Wirecard fil-Ġermanja, u wera, fost l-oħrajn, li xi regoli nazzjonali jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw skambju effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u eżami tal-informazzjoni finanzjarja minn awtoritajiet kompetenti indipendenti. It-TD toffri l-possibbiltà li tinħatar awtorità kompetenti oħra minbarra l-awtorità ċentrali kompetenti biex teżamina li l-informazzjoni titfassal skont il-qafas ta' rapportar rilevanti, u biex tieħu miżuri xierqa f'każ ta' ksur. Madankollu, TD tibqa' siekta fir-rigward tal-ħtieġa li din l-awtorità tkun indipendenti u r-responsabbiltajiet rispettivi kemm tal-awtorità ċentrali kif ukoll ta' l-awtorità l-oħra. B'segwitu għar-Rieżami bejn il-Pari Rapida tagħha, l-ESMA wettqet diskussjonijiet dwar titjib potenzjali għad-DT u kkunsidrat li l-azzjonijiet li ġejjin jistgħu jgħinu biex jinkiseb infurzar aktar f'waqtu u effettiv tal-informazzjoni finanzjarja: (i) it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-NCAs TD u awtoritajiet oħra; (ii) it-tisħiħ tal-koordinazzjoni tal-infurzar tal-informazzjoni finanzjarja fil-livell nazzjonali bejn l-awtoritajiet kompetenti ċentrali u l-entitajiet delegati/l-awtoritajiet maħtura; (iii) it-tisħiħ tal-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti; u (iv) it-tisħiħ tas-superviżjoni armonizzata tal-informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja madwar l-UE([55]). Il-Kummissjoni qed timmonitorja mill-qrib il-każ ta' Wirecard. Maż-żmien jistgħu jitfasslu tagħlimiet addizzjonali fir-rigward tat-TD jew ta' oqsma oħra.

Il-funzjonament u l-effettività tal-metodu għall-kalkolu tad-drittijiet tal-vot fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji skont l-Artikolu 13 tat-TD

Skont ir-regoli tat-TD, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha li għandhom strumenti finanzjarji relatati mal-ishma jridu jinnotifikaw lill-emittent dwar l-akkwiżizzjoni jew id-disponiment ta' parteċipazzjonijiet ewlenin. Sabiex jiġi evitat l-użu ta' tipi ġodda ta' strumenti finanzjarji biex jinkisbu b'mod sigriet l-istokks fil-kumpaniji([56]), l-emenda tal-2013 għat-TD iddikjarat li l-istrumenti kollha bl-effett ekonomiku taż-żamma tal-ishma jew tal-intitolament għall-akkwist ta' ishma jridu jiġu kkunsidrati. Jinżamm l-ammont nozzjonali sħiħ tal-ishma sottostanti għall-istrumenti finanzjarji. Għall-ħlasijiet bi flus, l-għadd ta' ishma miżmuma jiġi kkalkolat fuq bażi aġġustata skont id-delta([57]), billi l-ammont nozzjonali tal-ishma sottostanti jiġi mmultiplikat bid-delta tal-istrument. Dan il-metodu ta' kalkolu huwa speċifikat aktar fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/761([58]). Dan jippermetti lill-emittenti u lill-

[54] ESMA, *Rieżami Rapidu bejn il-Pari dwar l-applikazzjoni tal-Linji gwida dwar l-infurzar ta' informazzjoni finanzjarja (ESMA/2014/1293) minn BAFIN u FREP fil-kuntest ta' Wirecard*, it-3 ta' Novembru 2020.

[55] Ara l-*Ittra tal-ESMA lill-Kummissarju McGuinness tas-26 ta' Frar 2021 dwar il-passi li jmiss wara Wirecard*.

[56] Li jista' jirriżulta f'abbuż tas-suq u jagħti stampa falza u qarrieqa tas-sjieda ekonomika ta' kumpaniji elenkati pubblikament.

[57] Id-delta ta' strument finanzjarju huwa l-proporzjon li jqabbel il-bidla fil-prezz ta' assi, normalment titolu kummerċjabbli, mal-bidla korrispondenti fil-prezz tad-derivattiv tiegħu. Dan jindika kemm jiċċaqlaq il-valur teoretiku tal-istrument finanzjarju fil-każ ta' varjazzjoni fil-prezz tal-istrument sottostanti, filwaqt li jipprovdi stampa preċiża tal-esponiment tad-detentur għall-istrument sottostanti.

[58] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/761 tas-17 ta' Diċembru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar holdings importanti. Dan ir-Regolament jiddikjara b'mod partikolari li l-istrumenti basket u indiċi jenħtieġ li

investituri jkollhom għarfien komprensiv u stampa preċiża tal-istruttura tas-sjieda korporattiva u tad-drittijiet tal-vot.

Fl-analiżi tagħha tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-2014([59]), l-ESMA ddokumentat li l-ispejjeż għar-regolaturi u għall-emittenti x'aktarx ikunu minimi. Fil-konsultazzjonijiet imwettqa([60]), ma tqajjem l-ebda tħassib dwar l-ispejjeż. Xi ftit partijiet ikkonċernati (kumpaniji, NCAs), kif ukoll xi esperti tal-gvern([61]), madankollu argumentaw li l-metodu għall-kalkolu tad-drittijiet tal-vot jista' jitqies bħala kumpless jew diffiċli biex jiġi interpretat.

Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-Istati Membri ma ttrasponewx dawn id-dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom sal-bidu tal-2016. Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni dwar il-metodi ta' kalkolu għall-parteċipazzjonijiet ewlenin kien direttament applikabbli sa tmiem l-2015. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni, jista' jkun kmieni wisq li wieħed jasal għal konklużjonijiet dwar l-effettività ta' dan il-metodu ta' kalkolu għall-finijiet ta' trasparenza. Sabiex tiġi osservata l-modifika progressiva possibbli tal-imġiba tal-partijiet ikkonċernati differenti u l-iżvilupp possibbli ta' strumenti finanzjarji ġodda huwa meħtieġ perjodu ta' applikazzjoni ta' sitt snin.

Notifika ta' parteċipazzjonijiet ewlenin mill-azzjonisti

Sabiex titjieb iċ-ċertezza legali, tissaħħaħ it-trasparenza u jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-investituri transfruntiera, it-TD stabbiliet reġim aktar armonizzat għan-notifika ta' parteċipanti ewlenin bi drittijiet tal-vot mill-azzjonisti. L-Istati Membri mhumiex permessi jadottaw regoli aktar stretti ħlief f'ċirkostanzi speċifiċi([62]). L-azzjonisti huma mħeġġa jużaw il-format standard imfassal mill-ESMA għas-sottomissjoni kemm lill-emittent kif ukoll lill-NCA rilevanti([63]).

---

jiġu rrapportati biss jekk it-titoli rilevanti jkunu jirrappreżentaw 1 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot tal-emittent sottostanti, jew 20 % jew aktar tal-valur tat-titoli fil-basket/indiċi, jew it-tnejn. Approċċ ibbażat fuq il-prinċipji ġie adottat bħala l-metodu għad-determinazzjoni tad-delta. Madankollu, dan il-metodu jipprovdi biżżejjed preċiżjoni u komparabbiltà jekk jiġi ssorveljat b'mod konsistenti. Huwa jippermetti wkoll li jiġu koperti strumenti derivattivi żviluppati ġodda, li jimminimizza l-ambitu għall-arbitraġġ regolatorju.

59 Ara l-Anness III għall-*Consultation Paper on Draft Regulatory Technical Standards on major shareholdings and indicative list of financial instruments subject to notification requirements under the revised Transparency Directive* (Dokument ta' Konsultazzjoni dwar l-Abbozz ta' Standards Tekniċi Regolatorji dwar parteċipazzjonijiet azzjonarji ewlenin u lista indikattiva ta' strumenti finanzjarji soġġetti għal rekwiżiti ta' notifika skont id-Direttiva riveduta dwar it-Trasparenza).

60 Ara t-tweġibiet għall-konsultazzjoni pubblika tal-Kummissjoni dwar ir-rapportar korporattiv pubbliku mill-kumpaniji u t-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-EGESC (Anness III tal-SWD dwar il-kontroll tal-idoneità).

61 EGESC.

62 Skont l-Artikolu 3(1a) tat-TD, l-Istati Membri jitħallew jimponu rekwiżiti aktar stretti meta: (i) jistabbilixxu kemm livelli limitu aktar baxxi kif ukoll livelli limitu addizzjonali għan-notifika ta' parteċipanti bi drittijiet tal-vot, u jirrikjedu notifiki ekwivalenti ta' livelli limitu bbażati fuq parteċipazzjonijiet kapitali; (ii) jimponu obbligi aktar stretti għall-kontenut (bħad-divulgazzjoni tal-intenzjonijiet tal-azzjonisti), il-proċess u t-twaqqit tan-notifika; (iii) japplikaw liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi adottati fir-rigward ta' offerti ta' xiri, tranżazzjonijiet ta' fużjoni u tranżazzjonijiet oħra li jaffettwaw is-sjieda jew il-kontroll ta' kumpaniji sorveljati mill-awtoritajiet maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/25/KE (id-Direttiva fuq Offerti ta' Xiri) li jimponu rekwiżiti ta' divulgazzjoni aktar stretti.

63 Il-formola hija disponibbli fuq https://www.esma.europa.eu/document/standard-form-major-holdings

Il-possibbiltà li l-Istati Membri jintroduċu rekwiżiti aktar stretti għan-notifika tal-azzjonisti f'ċirkostanzi speċifiċi wasslet għal reġimi ta' notifika diverġenti madwar l-Istati Membri([64]). Tmien Stati Membri ddeċidew li jistabbilixxu livell limitu aktar baxx mill-5 % speċifikat mit-TD. Il-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri inkludew ukoll livelli limitu ogħla addizzjonali. Ir-regoli nazzjonali jvarjaw ukoll fid-definizzjoni tal-event li jiskatta l-obbligu ta' notifika għall-azzjonisti, l-ammont ta' żmien li warajh azzjonist jitqies li jkun tgħallem dwar l-event skattatur, l-iskadenza biex l-azzjonist jinnotifika lill-emittent, il-mezz ta' komunikazzjoni għas-sottomissjoni tan-notifika (posta elettronika, portal diġitali, fax jew posta). Il-konsultazzjonijiet urew li dan jirriżulta fi spejjeż ta' investiment transfruntier addizzjonali għall-azzjonisti, minħabba l-varjetà ta' reġimi applikabbli skont l-Istat Membru ta' domiċilju tal-emittent.

Is-sitwazzjoni hija simili għall-iskadenza u l-format għall-emittenti biex jagħmlu pubbliċi n-notifiki tal-azzjonisti. Skont il-maġġoranza tar-rispondenti, ir-reġimi differenti ta' notifika madwar l-Istati Membri jistgħu jkunu ta' sfida għall-utenti tal-informazzjoni divulgata mill-emittenti, speċjalment f'termini ta' twaqqit u mezzi ta' komunikazzjoni. Xi utenti jkunu favur formola standard obbligatorja għad-divulgazzjoni min-naħa tal-emittenti tan-notifiki tal-azzjonisti sabiex ikun aktar faċli li titqabbel u li tiġi analizzata l-informazzjoni divulgata. Il-formola standard ippubblikata mill-ESMA mhijiex obbligatorja (għalkemm l-NCAs huma mistennija jipprovdu spjegazzjoni jekk jiddeċiedu li ma jimponux din il-formola fuq l-emittenti li jissorveljaw). Dan jirriżulta fl-użu ta' formoli ta' notifika differenti.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni qiegħda tiġi mħeġġa teżerċita s-setgħat delegati tagħha sabiex tadotta standards tekniċi li jispeċifikaw – u jarmonizzaw – ir-rekwiżiti ta' notifika sa fejn ikun meħtieġ.

Rapport dwar il-pagamenti lill-gvernijiet minn kumpaniji attivi fis-setturi tal-qtugħ tas-siġar għall-injam jew estrattivi (rapportar għal kull pajjiż/CBCR)

Filwaqt li tikkomplementa l-Kapitolu 10 tad-Direttiva 2013/34/UE (id-Direttiva dwar il-Kontabilità), l-emenda tal-2013 għat-TD introduċiet l-obbligu għall-emittenti b'attivitajiet fis-setturi estrattivi jew tal-qtugħ tas-siġar għall-injam tal-industriji tal-foresti primarji li jippubblikaw rapport annwali dwar il-pagamenti li jsiru lill-gvernijiet fil-pajjiżi li joperaw fihom. Dan ir-rapport irid jitħejja skont il-Kapitolu 10 tad-Direttiva dwar il-Kontabilità.

B'mod ġenerali, l-Istati Membri ttrasponew din id-dispożizzjoni għas-swieq kapitali b'mod korrett. Ara t-taqsima dwar is-CBCR f'dan ir-rapport għal aktar dettalji.

Konklużjoni

L-emenda tal-2013 għad-TD tejbet b'mod ġenerali l-funzjonament tas-swieq kapitali billi naqqset il-piż għall-emittenti żgħar u ta' daqs medju, billi ppermettiet li jiddaħħal il-qari bil-magni (ESEF) biex titjieb il-komparabbiltà tal-informazzjoni tal-kumpaniji elenkati għall-

[64] Ara *Practical guide on national rules on notification on major holdings* (Gwida prattika dwar ir-regoli nazzjonali dwar in-notifika ta' parteċipazzjonijiet ewlenin) tal-ESMA tal-2019.

utenti, u billi armonizzat il-kalkolu tad-drittijiet tal-vot. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota għadd ta' punti ta' tħassib, speċjalment fir-rigward tal-infurzar ta' informazzjoni finanzjarja u mhux finanzjarja. Xi prattiki nazzjonali jistgħu ma jkunux effettivi daqs kemm maħsub peress li huma meqjusa bħala insuffiċjenti biex jiżguraw skambju effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali u eżami ta' informazzjoni finanzjarja minn awtoritajiet kompetenti indipendenti. Il-Kummissjoni tinnota wkoll l-impatti negattivi ta' regoli nazzjonali diverġenti dwar in-notifiki tal-azzjonisti dwar l-integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE.